# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

ru. 117 MEJJU, 1949. Nru. 117


# l-Ħidma tad-Dipartiment tal-Biedja

**FL-AĦĦAR ħarġa ta' "Il-Bidwi" xandarna għadd ta' punti li jolqtu lid-Dipartiment tal-Biedja u li ħafna minnhom tkellem fuqhom il-Ministru waqt il-mogħdija ta' l-Estmi ta' dan id-Dipartiment.**

**Jixraq ħafna li nkomplu nxandru l-lum tagħrif ieħor dwar din il-idma sabiex il-poplu jkun jaf f'hiex qegħdin jintefqu flusu, u b'hekk awk ix-xi wħud li għad għandhom rasħom mimlija li ma hemmx ħtiea li tingħata din l-importanza kollha lill-biedja tagħna, ikollhom mera ar quddiemhom tal-għanijiet u benefiċċji li n-Nazzjon tikseb b'din il-idma. Is-siltiet li sejrin nippubblikaw il-lum aktarx li kollha għandom x'jaqsmu mas-servizzi tan-Nazzjon kollu u mhux tal-biedja biss.**

**HUL U NFIEQ**

L-estimu ta' l-ispiża tad-Dipartiment tal-Biedja għas-sena 1949-50 uwa ta' £102,234 kontra s-somma ' £78,107 li kienet approvata biex ntefaq ma' tul is-sena finanzjarja għaddiet, jiġifieri ieda ta' £24,127. L-tima tad-dħul għas-na li ġejja hija ta' 48,075 kontra s-somma ta' £23,945 fl-estiu tas-sena 1948-49. an juri żjieda fid-dħul ' £24,130 u għal-aqstant wieħed jara li ialkemm hemm żjie-fl-ispiża ta' £24,127 n sejra titpatta bid-ħul li ser ikollna.

**-AQWA ITEMS—SPIŻA**

L-aqwa items ta' l-piża huma fil-ħlas ta' larji u pagi tal-ħad-iema bil-ġurnata. Dan item huwa ta' kważi wġ terzi mill-ispiża tali u li jservi biex tħallsu 340 impjegati ermanenti u bil-ġurnata. It-terz li jibqa' ervi għax-xiri tal-wież, stores, servizz ' l-ilma, kurrent u elefon; trasport u sussidji lis-soċjetajiet.

**-AQWA ITEMS TA' DHUL**

L-akbar dħul ta' flus isir mill-bejgħ ta' prodotti li jitkabbru fil-rms tal-Gvern u li għas-sena 1949-50 huwa mistenni li sejjer ilaħħaq is-somma ta' £28,400 mill-bejgħ ta' l-oġġetti li ser insemmi hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Bejt ta' ħaxix | £3,700 |
| Bejgħ ta' annimali | £17,120 |
| Bejgħ ta' ħalib | 1,950 |
| Bejgħ ta' bajd u tjur | 5,600 |
| Bejgħ ta' għasel | 30 |

Barra dan ikun hemm il-kummissjoni minn fuq il-bejgħ tal-prodotti li jsir fil-pitkaliji li għas-sena 1949-50 hija mistennija li tilħaq £15,500. Huwa mistenni wkoll li jingħabru £2,600 mill-bejgħ ta' frottijiet u siġar, eċċ., mill-ġonna pubbliċi.

**PROGRESS U ĦIDMIET**

Meta wieħed jeżamina f'hiex sejrin jintefqu l-flus li ġew ivvutati għal dan id-Dipartiment jara ħidmiet li bla ebda dubju huma fl-interess tal-biedja tal-pajjiż — ħidmiet li wieħed jixtieq ikabbar, b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mat-trobbija tal-baqar, majjali, mgħoż, tiġieġ, fniek.

**PRESERVAZZJONI TAL-ĦAMRIJA**

Ħidma importanti tad-Dipartiment tal-Biedja hi l-preservazzjoni tal-ħamrija li tingħabar minn postijiet ta' bini ġdid. Il-kontroll ta' din il-ħamrija jitmexxa skond l-Ordinanza ta' l-1935 dwar il-Preservazzjoni tal-Ħamrija (Kap 130) u għall-finijiet tal-liġi, 'Bini' jfisser dar, lok, kamra, razzett, maħżen jew bini ieħor li bihom kwantità ta' trab għammiel ikun imgħotti għal dejjem u mitluf għall-koltivazzjoni u jfisser ukoll triq pubblika jew privata, itħa, wesgħa jew kull biċċa art oħra magħluqa b'ħitan li ma tkunx qiegħda għall-biedja.

Minn meta bdiet taħdem il-liġi sa Ġunju tal-1940, id-Dipartiment ħa passi f'4424 applikazzjoni għall-bini u b'hekk 334,683 jardi kubi ta' ħamrija ġew salvati għan-nazzjon. Mad-dħul ta' l-Italja fil-gwerra, ma baqax isir bini u ma' tul is-snin ta' gwerra li ġew

(jissokta fil-p. 3)

## WIRJA U FIERA TAL-BIEDJA

## FIL-QASAM TAL-GVERN

## — L-GHAMMIERI —

**FIT-22 TA' MEJJU—MIT-8 SA NOFS IN-NHAR.**

**Il-pubbliku jkun jista' jixtri b'irħis prodotti tal-biedja, sriedek, tiġieġ, dundjani, papri, bajd tat-tfaqqis u tal-mejda, majjali tal-fatma, tas-simna u tar-refgħa, fniek kbar nisa u rġiel, kif ukoll qsari bi pjanti ornamentali.**

**Gendus ta' ġmiel liema bħalu jiġi mtella' Lotterija.**

Fil-wirja jkun hemm Dundjani Bojod Amerikani mill-isbaħ u l-baqar u l-gniedes ta' l-aħjar razza, li qegħdin jinġiebu bl-ajru mill-Ingilterra.

Ix-char-a-bancs jaħdmu sa wara l-bieb tal-post u l-Qasam kollu jkun miftuħ għal pubbliku.

L-Onor. Bertram Camilleri, F.R.C.A., M.L.A., Ministru ta' l-Industrja, beħsiebu jkun preżenti.

**Fit-22 ta' Mejju — Mit-8 a.m. sa nofs in-nhar.**

# Il-Hidma tad-Dipartiment tal-Biedja

*(jissokta mill-p. 1)*

wara, id-Dipartiment tal-Biedja kellu, b'għafsa ta' qalb, jara l-ħamrija (i)ntradam jew tiġi wżata għal skopijiet li ma humiex tal-biedja minħabba l-eżiġenzi mgħaġġlin u ħorox tal-gwerra meta saret ħaġa meħtieġa għall-Militar li jwarrbu l-liġi billi l-ħeffa fil-bini li kellhom bżonn kienet ħaġa essenzjali għat-tmexxija tal-gwerra.

Sa mis-sena 1943, id-Dipartiment reġa' qajjem il-kwistjoni sabiex il-Militar jerġa' jibda jimxi skond dak li hemm maħsub f'din l-Ordinanza, iżda, f'dak iż-żmien, il-qagħda kienet għadha ma ġietx flokha. B'danakollu, l-insistenza f'din il-ħaġa kellha r-riżultat li d-Dipartimenti tad-Difiża li kellhom x'jaqsmu maxxogħol tal-bini, jibdew jikkooperaw mill-aktar li jistgħu ma' l-ewwel opportunità biex it-trab għammiel jiġi mwarrab malli jkun sejjer jiġi mtella' xi bini.

Bis-saħħa ta' din il-liġi l-ammont ta' ħamrija li ġiet salvata ma' tul l-aħħar ħames snin kien ta' 189,261 jardi kubi.

Din il-ħamrija qiegħda tiġi wżata (a) sabiex isiru ġonna wara d-djar, (b) sabiex isir raba' ġdid wara l-postijiet tal-bini, (ċ) biex isiru ġonna għas-siġar tal-frott, u, (d) biex isir raba' ġdid fuq artijiet ta' blat.

#### FERGĦA TAL-PATOLOĠIJA

Il-ħidma ta' din is-sezzjoni tikkonsisti fil-kontroll u t-tħaris tal-pjanti u ta' l-uċuħ mill-mard u l-insetti. Huwa ikkalkulat li mhux anqas minn wieħed minn kull tmienja tal-prodotti tal-biedja li jikbru fil-gżejjer tagħna, jintilfu ħtija tal-ħsara li ssirilhom mill-insetti u l-mard.

#### PROĊEDURA

It-tħaris mill-mard isir bi spezzjonijiet tal-prodotti li jiġu minn barra; diżinfettar tal-ħamrija u fumigazzjoni taż-żrieragħ.

Il-kontroll jikkonsisti f'pariri tekniċi; spezzjonijiet tal-għelieqi; spezzjonijiet tal-prodotti għas-safar; kura ta' l-uċuħ, u studju sperimentali.

L-ispezzjonijiet tal-prodotti li jiġu minn barra jsiru bil-ħsieb li ma jitħallewx jidħlu f'dawn il-gżejjer mard u insetti li jagħmlu ħsara lill-uċuħ u l-pjanti. Minn Ottubru 1947 sa Settembru 1948, ġew eżaminati 363 partita ta' prodotti tal-biedja li waslu minn barra li kienu jikkonsistu fi 58,148 kol ta' prodotti differenti.

L-ispezzjonijiet li saru fil-ġonna privati minn Ottubru 1947 sa Settembru 1948, laħqu n-numru ta' 6,256 siġra tal-frott fil-waqt illi ma' tul l-istess żmien, ġew ukoll spezzjonati 15,500 siġra tal-frott f'ġonna tal-Gvern.

Ma' tul l-istess żmien ġew ukoll spezzjonati l-prodotti li ġew esportati u li dawn laħqu 105 spezzjon.

Bejn Ottubru 1947 sa Settembru 1948 saru 3,186 ġurnata xogħol filbexx, għbir eċċ., fuq 185,400 siġra tal-frott inklużi dwieli u 1,230 tomna uċuħ tar-raba'.

#### ĠONNA PUBBLIĊI

Fin-nefqa tad-Dipartiment hemm inklużi £29,017 li fis-sewwa ma humiex ta' interess għall-biedja, iżda għall-ġid tan-nazzjon kollu biex ilpoplu jkollu postijiet ta' rikreazzjoni. Il-25 ġnien pubbliku u mxietel fuq il-medda ta' madwar 460 tomna art tiħtieġ ħidma u kura kontinwa sabiex dawn l-imkejjen ta' rikreazzjoni jinżammu fi stat ta' indafa u ġmiel bħal ma kienu miżmuma qabel il-gwerra.

B'danakollu wieħed jifhem li għalkemm dawn il-flus qegħdin iħaxxnu l-ispiża tad-Dipartiment tal-Biedja, l-għan ewlieni tagħhom mhux ħlief il-pjaċir u l-kumdità tal-poplu.

#### TLIET SCHEMES IMPORTANTI

Sabiex titwettaq il-politika tal-biedja li dan il-Gvern qiegħed imexxi b'ħiltu kollha, ġie propost biex tliet schemes jiġu finanzjati mill-Colonial Development and Welfare Fund. Dawn huma l-"Livestock Market Scheme" li għalih jinħtieġu £10,000; li scheme sabiex jimtlew bis-siġar l-artijiet mogħxa, li għalih hu maħsub li jridu jintefqu £20,000 ma' tul is-sentejn li ġejjin; u li scheme l-ieħor dwar it-twaqqif ta' 'modern winery' f'Malta u Għawdex, u li għalih jinħtieġu mat-£12,000 biex jintefqu wkoll ma' tul is-sentejn li ġejjin.

Dawn it-tliet proġetti, bla dubju ta' xejn, għandhom jagħtu riżultati permanenti ta' ġid għall-biedja ta' pajjiżna u huma ibbażati fuq politika ta' biedja li tħares fit-tul u li hija ta' ħtieġa li wieħed jeffettwaha fl-interess in ġenerali tal-komunità. Dawn il-proġetti huma konsegwenza loġika ta' progress fil-biedja ta' kull pajjiż ċivilizzat — progress li għandu jiġi mwettaq ukoll hawn Malta flimkien mal-progress fl-edukazzjoni u fis-soluzzjoni tal-problema ta' l-ilma għat-tisqija.

#### GĦAN FUNDAMENTALI

L-għan fundamentali tad-Dipartiment tal-Biedja huwa l-produzzjoni u l-kummerċ tal-prodotti fl-interess kemm tal-produttur, li huwa l-bidwi, kif ukoll tal-konsumatur. Għaldaqstant id-Dipartiment tal-Biedja huwa dmir tiegħu li jagħmel ħiltu kollha biex jgħin lill-bidwi sabiex ikabbar prodotti aħjar, aktar b'saħħithom u fuq kollox aktar abbondanti. Id-Dipartiment juża wkoll il-ħila tiegħu kollha sabiex jgħin lil min irabbi t-tjur u bhejjem biex jitħares, jikkontrolla u fejn jista' jkun jeqred il-mard ta' l-annimali. Dan jista' jsir billi d-Dipartiment jinsab dejjem lest biex idaħħal fil-biedja tagħna t-tagħlim xjentifiku modern u permezz ta' esperimenti, pariri u propaganda, il-bidwi jitgħallem japprofitta ruħu minn din il-ħidma fl-interess tiegħu u tal-konsumaturi. Huwa diffiċli ħafna li wieħed jagħmel stima ta' flus għall-ġid li tista' tgawdi l-komunità b'infieq li jsir biex tiġi megħjuna l-aqwa industrja ta' pajjiżna.

## ESPORTAZZJONI TAL-PATATA

Ngħarrfu lil dawk kollha li huma interessati fl-esportazzjoni tal-patata illi l-Awtoritajiet Ingliżi għoġobhom itawlulna ż-żmien ta' l-importazzjoni tal-patata fl-Ingilterra sal-24 ta' Mejju. Din l-estensjoni għandha tgħin ħafna sabiex l-esportaturi lokali jkollhom iċ-ċans li jsiefru l-kwantità ta' patata li għaliha l-Gvern beħsiebu johroġ il-permessi meħtieġa.

## QXUR TAL-BANANA

Qatt la tagħlef qxur tal-banana lit-tjur. L-ewwelnett 'dan ma fih ebda sustanza għat-tjur u aktarx ukoll li jagħmlilhom il-ħsara.

